**L-impenn tal-UE għall-ġlieda kontra l-faqar**

Għaxar snin ilu, il-mexxejja tal-UE wegħdu li 'jagħmlu impatt deċiżiv fuq l-eliminazzjoni tal-faqar' sas-sena 2010. Illum, madankollu, numru sinifikanti ta' ċittadini Ewropej għadhom jgħixu fil-faqar. Il-faqar u l-esklużjoni soċjali ma jolqtux biss il-ħajja diċenti tal-individwi u l-abilta' tagħhom li jkollhom sehem importanti fis-soċjeta'; izda dawn ifixxklu wkoll l-iżvilupp ekonomiku.Għalhekk, l-UE qed tinsisti dwar l-importanza tar-responsabilta' kollettiva fil-ġlieda kontra l-faqar, u qed tinvolvi lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet kif ukoll lis-settur pubbliku u dak privat. Is-sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali qed tfittex li tagħti vuċi lil dawk li qegħdin isofru ta' kuljum.

Ftehim li sar bejn l-Istati Membri tal-UE jiddefinixxi l-faqar bhala dħul inqas middħul minimu, meqjus bhala 60% tad-dħul medju tal-pajjiż. L-indikazzjonijiet juru li 80 miljun ruħ, jiġifieri 17% tal-popolazzjoni Ewropea, huma fqar.

Il-gruppi l-aktar li qegħdin f'riskju ta' faqar huma t-tfal, l-anzjani, genitur wieħed, nisa, genituri li jgħixu waħedhom, persuni b'diżabilta', immigranti u l-minoranzi etnici (inkluzi r-Roma). L-għeruq tal-faqar jistgħu jkunu taħlita ta' fatturi strutturali, soċjetali u individwali.

Stħarriġ mill-Eurobarometer jindika li 73% tal-Ewropej jikkonsidraw li f'pajjiżhom il-faqar hu problema mifruxa filwaqt li 89% fil-mija iridu azzjoni urgenti mill-gvern rispettiv tagħhom.

Bil-messaġġ ewlieni tal-kampanja għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali ikun "Inwaqqfu l-Faqar ISSA", l-għan aħħari tal-UE hu li tiġġieled kontra l-faqar.

Imnedija f'Malta s-Sena Ewropea 2010

Malta ngħaqdet mal-kumplament tal-Istati Membri tal-UE biex tqajjem kuxjenza dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali hekk kif fi Frar 2010 kienet imnedija kampanja ta' informazzjoni li se tibqa' għaddejja s-sena kollha.

Biex l-għan jintlaħaq, il-gvern ta' Malta qed jorganizza sensiela ta' avvenimenti nazzjonali flimkien ma' għaqdiet mhux governattivi matul is-sena 2010. Dawn jinkludu konferenzi, seminars, studji u avvenimenti oħra maħsuba biex iqajjmu aktar kuxjenza dwar dan is-suġġett.

Il-Ministeru tal-Politika Socjali (?pbu) (illum Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xoghol u l-Familja) ħatar 10 ambaxxaturi minn aġenziji u organizzazzajonijiet li jaħdmu direttament ma' faxex ta' nies l-iktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali biex jgħinu fil-promozzjoni ta' din il-kampanja f'Malta. L-istess Ministeru waqqaf ukoll Korp għall-Implimentazzjoni Nazzjonali biex imexxi din il-kampanja.

Dawn l-għaxar ambaxxaturi huma: ic-Ċermen għall-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabbiltà Joe Camilleri, il-Maniger ta' Dar Patri Leopoldu Charles Mifsud, il-Kummissarju tat-Tfal Carmen Zammit, (minn Ġunju laħqet Helen D'Amato, Kummissarju tat-Tfal u Żgħażagħ), is-Segretarja tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani Rose Sammut, ic-*Chairperson* tal-Kummissjoni għall-Vjolenza Domestika Dr Marceline Naudi, id-Direttur Kliniku ta' Sedqa Dr George Grech, il-Kap Eżekuttiv ta' Richmond Foundation Dolores Gauci, l-avukat Katrine Camilleri taċ-Ċentru ta' Servizz tal-Ġiżwiti għar-Refuġjati, il-*Project Leader Unemployment Aid Programme* tal-ETC Raphael Scerri, u is-Segretarju Ġenerali tal-Fondazzjoni mid-Dlam ghad-Dawl George Busuttil.

Fl-intervent tiegħu l-ex Ministru John Dalli (li wara nħatar Kummissarju Ewropew għas-Saħħa u l-Konsumaturi) spjega l-għan tas-Sena Ewropea.

Matul id-diskors tal-ftuħ tal-kampanja f'Malta, il-President ta' Malta l-E.T. George Abela qal li sħarriġ ippubblikat mill-Uffiċju Nazzjonali tal-Istatistika fl-2007 kien indika li 14% tal-popolazzjoni Maltija tinsab f'riskju ta' faqar, bl-aktar zoni vulnerabbli jkunu Għawdex bi 18% u n-naħa t'isfel tad-dawra tal-port bi 17%, imqabbel ma' 12% man-naħat tal-Punent ta' Malta fejn hemm l-inqas riskju ta' faqar.

Il-President tenna li, mill-istess stħarriġ, ħareġ li l-faqar finanzjarju hu relatat mal-livell tal-edukazzjoni. Fid-dawl ta' dan, il-President Abela ppropona diversi miżuri biex is-sitwazzjoni titjieb billi fost l-oħrajn; isiru programmi ta' edukazzjoni biex jitħarrġu l-istudenti f'sengħa li tippermettilhom isibu xogħol; isiru proġetti biex jingħataw taħriġ anki kif jamministraw id-dħul tagħhom u, fejn hu possibbli, tkun ipprovduta akkomodazzjoni b'kera sussidjata.

Fl-istess okkażjoni tkellem ukoll Dott. Marios Camhis, il-Kap temporanju tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta. Hu qal li din is-Sena Ewropea tpoġġi l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fuq quddiem nett tal-aġenda tal-UE sabiex l-Ewropa kollha tkun tista' tingħaqad ħalli ittejjeb il-qagħda ta' persuni fqar jew f'riskju ta' faqar b'azzjonijiet konkreti.